MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 1908/1999/1

**Antoine Vassallo li jiggestixxi d-ditta 'Antoine Auto Dealer'**
**- vs -**
**Carmelo sive Charles Bianco**

**Il-Qorti :**

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-attur fil-27 t'Awwissu 1999 (a fol.1 et seq.) kif mahlufa fid-dikjarazzjoni anessa, li taqra hekk:

*"Peress illi kemm l-attur u kif ukoll il-konvenut involuti fin-negozju tal-bejgh ta' karozzi, inkluz karozzi 'second hand';*

*Peress illi l-attur u l-konvenut fil-11 ta' Gunju, 1998 kienu ffirmaw skrittura privata (vide Dok. 'A') sabiex jirregolaw il-kummerc ta' bejniethom, u permezz taghha ftehmu li l-attur kellu jbiegh vetturi tieghu 'second hand'*

*esklussivament lill-konvenut kellu jixtri vetturi 'second-hand' esklussivament minghand l-attur (salv vendituri privati) u dan taht penali ta' elf lira Maltija (Lm1,000) fin nuqqas ghal kull vettura imsemmi ftehim;*

*Peress illi l-kummerc bejn il-partijiet ghal xi zmien kien ghaddej b'mod regolari b'dana illil-attur kien jghaddi vetturi lill-konvenut 'on consignment', il-konvenut kien jesponi u joffri ghall-bejgh dawn il-vetturi mix-showroom bl-isem 'Gianluca Auto Dealer', u meta l-konvenut kien ibiegh xi vettura minn dawn lil terzi suppost illi kien jithallas 'deposit' filwaqt illi l-bilanc kien jigi kopert permezz tal-hrug ta' kambjala a favur tal-attur;*

*Peress illi b'dan il-mod l-attur ikkonsenja lill-konvenut diversi vetturi li l-valur komplessiv taghhom jammonta ghal eluf kbar ta' liri;*

*Peress illi l-konvenut ivvjola il-ftehim 'de quo' billi beda jixtri vetturi 'second hand' minghand 'dealers' ohra u permezz ta' diversi irregolaritajiet ohra lkoll intizi sabiex javvantaggjaw b'mod indebitu n-negozju tal-konvenut innifsu a skapitu u b'dannu tan-negozju tal-attur, u dan kif ser jigi ampjament spjegat u ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghaldaqstant inkorra fil-penali fuq imsemmija stabbilita ai termini tal-ftehim fuq imsemmi datat 11 ta' Gunju 1998 (Dok.'A');*

*Peress illi l-partijiet qabli li l-ftehim ta' bejniethiom jigi terminat u bdew ghaddejin b'diskussjonijiet bejniethom sabiex jigu regolati u saldati l-kontijiet ta' bejniethom u l-konvenut ihallas lill-attur dawk l-ammonti minnu dovuti;*

*Peress illi pero dawn in-negozjati fallew tort tal-istess konvenut;*

*Peress illi fil-mument illi r-relazzjonijet kummercjali ezistenti bejn l-attur u l-konvenut gew terminati il-konvenut kien ghad ghandu fil-pussess tieghu diversi vetturu, proprjeta' tal-attur, li jinsabu elenkati fil-lista hawn annessa bhala Dok. 'B';*

*Peress illi1-parti l-kbira minn dawn il-vetturi gew ritornati lill-attur izda fi stat hazin hafna, uhud minnhom b'danni kbar fihom, kwazi kollha minghair batterija u kwazi kollha bil-licenzja mhix imhallsa, filwaqt li tliet (3) vetturi ohra, li cioe''Skoda 120 bin-numru ta' registrazzioni 'BBB 823', 'Ford Escort Vann' bin-numru ta' registrazzioni 'IAA 849' u Dacia' bin-numru ta' registrazzjoni 'JAG 334' qatt ma gew ritornati lill-attur u baqghu,fil-pussess tal- konvenut;*

*Peress illi 1-attur inkariga lis- 'surveyor' Natalino Agius sabiex jezamina 1-vetturi fl-istat prezenti taghhom kif gew ritornati lill-istess attur u jaghmel valutazzioni taghhom (hawn annessa bhala Dok. 'C'), minn liema valutazzjoni ,jirrizulta illi 1-valur ta' dawn il-vetturi fl-istat attwali li fih gew ritornati huwa term inferjuri ghall-valur li kellhom 1-istess vetturi meta dawn kienu gew ikkonsenjati mill-attur lill-konvneut;*

*Peress illi 1-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas tas-somom kollha minnu dovuti lill-attur rizultanti min-negoziu li kien isir bejn l-istess attur u il- konvenut;*

*Peress illi 1-konvenut huwa responsabbli wkoll ghall- hlas tal-penali ai termini tal-ftehim datat 11 ta' Guniu, 1998, liema ftehim gie minnu violat;*

*Peress illi 1-konvenut huwa responsabbli wkoll ghad-danni minnu kagjonati lill-attur konsistenti fit-tnaqqis sostnazjali fil-valur tal-vetturi lilu konsenjati mill-attur u minnu ritornati lill-istess attur;*

*Peress ukoll illi 1-konvenut ghandu jirritorna lill- attur it-tliet vetturi, u cioe''Skoda 120 bin--numru ta' registrazzioni 'EBB 823', 'Ford Escort Vann' bin- nunru t.a' registrazzioni 'IAA 849' u 'Dacia' bin-numru ta' registrazzjoni 'JAG 334' fi stat tajjeb ta' tiswijiet kif dawn kienu gew lilu ikkonsenjati u fin- nuqqas ghandu ihallas lill-attur id-danni fihom kagjonati;*

*Jghid gha1hekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din 1-Onorabbli Qorti-:*

*(1) tiddikjara illi 1-konvenut ghandhu jhallas lill-attur diversi somom ta flus in konnessjoni man-negozju ta' bejniethom, kif fuq deskritt;*

*(2) tillikwida dawk is-somom ta' flus hekk dovuti mill-konvenut lill-attur, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;*

*(3) tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur dawk is-somom ta' flus kif likwidati minn din l- Onorabbli Qorti;*

*(4) tiddikjara illi 1-konvenut ivvjola l-ftehim tal- 11 ta' Gunju, 1998 u konsegwentment ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-hlas tal-penali ai termini tal-istess ftehim;*

*(5) tillikwida dik is-somma ta' flus dovuta mill- konvenut lill-attur in linea ta' penali;*

*(6) tikkundanna lill-konvunut biex ihallas lill-attur dik is-somma ta' flus in linea ta' penali kit tigi likwidata minn din 1-Onorabbli Qorti;*

*(7) tiddikjara illi 1-konvenut huwa responsabbli ghad-danni kollha minnu kagjonati lill-attur konsistenti fit-tnaqqis sostanzjali fil-valur tal-vetturi, proprieta' tal-attur, lilu konsenjati mill-istess attur u minnu ritornati lill-istess attur;*

*(8) tillikwida dawn id-danni, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;*

*(9) tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur dik is-somma ta' flus kif likwidata minn din 1- Onorabbli Qorti; u*

*(10) tikkundanna lill-konvenut biex jirritorna lill-attur it-tliet vetturi, u cioe''Skoda 120 bin-numru ta' registrazzioni BBB 823', 'Ford Escort Vann' bin-numru ta registrazzioni 'IAA 649' u 'Dacia' bin-numru ta' registrazzjoni ' JAG 334' li gew lilu konsenjati mill-attur u li ma gewx minnu ritornati lill- attur fl-istess stat li fih dawn kienu gew lilu ikkonsenjati mill-attur.*

*Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra 1-konvenut u b'rizerva ghal kull azzioni ohra spettanti lill-attur kontra 1-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-konvenut skond il-ligi;

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenut tal-1 ta' Novembru 2000 (a fol.18) u dikjarazzjoni mahlufa u annessa maghha li taqra hekk:

*"Preliminarjament illi 1-kopji fotostatici tal-atti lilu notifikati la huma awtentici, il-ghaliex hlief ghall-avviz ghas-smigh tal-kawza mhumiex awtentikati mir-Registratur ta' dawn il-Qrati u f'partijiet sostanzjali lanqas ma huma leggibbli u ghalhekk 1-eccippjient jirriserva minn issa. u minn issa jitlob li dina 1-Onorabbli Qorti tawtorizzah, u dana minghajr spejjes zejda ghalih, li jissostitwixxi din in-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, kif ukoll l-infraskritta dikjarazzjoni u kontro-talba tieghu fit-terminu stabilit mill-ligi wara li jerga jigi notifikat regolarment.*

*Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccippjient jeccepixxi:*

*1. Illi t-talbiet attrici huma kollha u ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu riggettati bl-ispejjes kollha kontra 1-attur, peress illi kien 1- istess attur li naqas li jonora 1-obbligi u 1-oneri minnu assunti u li kiser it-termini tal-iskrittura tal-11 ta' Gunju 1998 (Dok. A. - presentat mill-istess attur) li kienet tirregola 1-kummerc li kienu jaghmlu bejniethom il-kontendenti,*

*2. Illi minhabba l-agir skorrett u slejali tal-attur, 1-eccipjent sofra danni ingenti, u jixtieq jipprevalixxi ruhu mic-citazzjoni attrici sabiex jistitwixxi kontro-talba tieghu.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat il-kontro-talba tal-istess konvenut Carmelo sive Charles Bianco tal-1 ta’ Novembru 2000 (a fol.22 et seq) u dikjarazzjoni annessa kif mahlufa li jaqra hekk:

*“Peress illi 1-esponent jixtieq jipprevalixxi ruhu mic-citazzjoni attrici sabiex jistitwixxi 1-kontro-talba tieghu, qieghed hawn taht jaghmel l-istess kontro-talba tieghu.*

*1. Peress illi 1-kontendenti huma t-tnejn involuti fin-negozju ta’ bejgh u xiri ta’ karozzi uzati (second hand);*

*2. Peress illi 1-kontendenti, fl-11 ta’ Gunju 1998 kienu ffirmaw skrittura privata sabiex jirregolaw il-kummerc ta’ bejnithom (Dok. A. aness mac-citazzjoni mill-attur);*

*3. U peress illi l-ftehim kien fis-sens illi 1-attur rikonvenzjonat kellu jbiegh vetturi tieghu uzati esklusivament lill-esponent u 1-esponent kellu jixtri vetturi uzati esklusivament minghand 1-attur rikonvenzjonat, salv, ghat-termini tal-iskrittura ‘de quo’;*

*4. U peress illi 1-kontendenti kienu soggetti ghall-obbligazzjoni ghall-hlas ta’ penali ta’ elf lira maltija ( Lm 1,000 ) ghal kull karozza li nxtrat u/jew inbieghet bi violazzjoni tac-citat ftehim;*

*5. Peress illi wara certu zmien li l-ftehim bejn il-kontendenti kien qieghed jigi gestit regolarment, 1-attur rikonvenzjonat unilateralment biddel fehmtu u vvjola l-ftehim ‘de quo’ billi beda jbiegh vetturi uzati lil dealers ohra, beda jiddemostra atteggjament slejali fil-konfront tal-esponent bil-kommissjoni ta’ diversi regolaritajiet ohra ntizi sabiex jivvantaggjaw b’maniera ndebita nnegozju tieghu a skapitu u b’danni ngenti ghal dak tal-esponent, kif jigi ampj ament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*6. Peress illi fost 1-irregolaritajiet minnu kommessi fil-konfront tal-esponent 1-attur kien beda jitnikker u jittardja li jaghmel it-transfers tal-vetturi (intestati lilu) mibjughin lil terzi mill-esponent, u meta’ l-klienti tal-esponent kienu jmorru ghas-sodisfazzjon ghand l-attur, dan kien*

*jghidilhom illi 1-esponent "ma kienx ghadu hallsu", illi 1-esponent kellu jtih' u diskors injuruz iehor bhal li kellu jaghti erbghin elf lira ( Lm 40,000 ) u li hu ( 1-attur) ried "isallab lill-esponent", u bl-agir tieghu kkawza danni ngenti lill-esponent, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*7. Illi l-inizjattivi tal-esponent sabiex il-ftehim 'de quo' jigi terminat bonarjament, u sabiex jigu regolati u saldati l-pendenzi kollha ta' bejn il-partijiet, sfaw fix-xejn, meta 1-attur. wara 1-ennezimu inkontru, li kien sar fil-bini tal-Qrati Superjuri fil-presenza tal-avukati difensuri u tal-accountant tal-attur u tax-xhud Godwin Guntripp fil-vesti ta' medjatur, l-ewwel accetta li jittransigi 1- pendenzi kollha u kien sar qbil ukoll dwar xi differenza ta' entita' zghira lilu spettanti mill-esponent, imbaghad, bhalma jaghmlu t-tfal zghar, regga' lura minn kelmtu;*

*8. U peress illi 1-attur rikonvenzjonat, meta vvjola l-ftehim 'de quo' u permezz tal-azzjonijiet skorretti u slejali sussegwenti kkawza danni ngenti lil esponent;*

*9. Jghid ghalhekk 1-attur rikonvenzjonat il-ghaliex, u dana ghar-ragunijiet premessi, dina 1-Onorabbli Qorti m'ghandiex:*

*a) Tiddikjara u tiddecidi illi 1-attur rikonvenzjonali unilaterlament kiser u vvjola t-termini u 1-modalitajiet tal-iskrittura privata tal-11 ta' Gunju 1998;*

*b) Tiddikjara u tiddeciedi illi bhala konsegwenza 1-attur rikonvenzjonat ghandu jigi ritenut risponsabbli ghall-hlas lill-konvenut rikonvenzjonant, tal-penali kontemplata fic-citata skrittura;*

*c) Tillikwida is-somma ta' flus dovuta lill-konvenut rikonvenzjonant mill-attur rikonvenzjonat in linea ta' penali;*

*d) Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat sabiex ihallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik is-somma hekk likwidata;*

*e) Tiddikjara u tiddecidi illi minhabba 1-agir slejali u skorrett tieghu 1-attur rikonvenzjonat ikkawza danni ngenti lill-konvenut rikonvenzjonant;*

*f) Tillikwida d-danni hekk kawzati lill-konvenut rikonvenzjonant;*

*g) Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenut rikonvenjonant id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. /99 u tal-ittri ufficjali tal-15 ta' Frar 1999 u tat-8 ta' Marzu 1999, kontra 1-attur rikonvenzjonat, minn issa ingunt ghas-subizjoni tieghu."*

Rat in-nota tal-ecezzjonjiet rikonvenzjonali tal-attur Antoine Vassallo tas-16 ta' Novembru 2000 (a fol. 28 et seq.) u dikjarazzjoni mahlufa annessa, li taqra hekk:

*1. "In linea preliminari il-konvenut rikonvenzjonanti ma jistax jitlob l-ispejjez ta' mandat ta' inibizzjoni minghajr ma jaghti n-numru tieghu u f'kull kaz, jekk il-konvenut rikonvenzjonanti qieghed jirreferi ghall-mandat ta' inibizzjoni numru 874/99 fl-ismijiet 'Carmelo sive Charles Bianco vs Antoine Vassallo' it-talba kif promossa mill-konvenut rikonvenjonanti fl-imsemmi mandat kienet giet michuda minn din l-Onorabbli Qorti b'digriet tal-10 ta' marzu 1999 u kwindi l-hlas tal-ispejjez jinkombi fuq l-istess konvenut rikonvenzjonanti u mhux fuq l-eccipjent odjern, liema hlas sal-lum ghadu ma giex effettwat.*

*2. In linea prelinari wkoll, n-nullita tal-kontro-talba in kwantu fil-lista tax-xhieda tieghu l-konvenut rikonvenzjonanti jonqos milli jsemmi r-raguni ghal xhiex qieghed jitharrek kull xhud partikolari u xi prova trid issr bix-xhieda tieghu kif titlob il-ligi tal-procedura.*

*3. Illi b'referenza ghat-tieni eccezzjoni f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma ssibx illi tali nuqqas iwassal ghan-nulllita tal-kontro-talba, f'kull kaz ghandha jew tigi ordnata l-isfilz tal-lista tax-xhieda jew il-konvenut rikonvenzjonant*

*jigi ordnat sabiex jottempera ruhu mal-ligi u jiddikjara r-raguni ghaliex kull xhud qieghed jigi ccitat, u dan di piu in vista tal-fatt illi diversi xhieda certament ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-pendenzi ezistenti bejn il-partijiet.*

*4. In linea preliminari wkoll, in-nullita tal-kontro-talba promossa mill-konvenut rikonvenzjonant stante illi t-talbiet tieghu mhumiex enumerati kif titlob espressament il-ligi tal-procedura.*

*5. Illi fil-mertu t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut rikonvenzjonant stante illi mhuwiex minnu illi kien l-eccipjent izda kien l-istess konvenut rikonvenzjonant illi kiser it-termini tal-ftehim pattwit bejn il-partijiet bl-iskrittura tal-11 ta' Gunju 1998 (Dok A mac-citazzjoni attrici) billi mhux talli beda jxitri kwantita ta' vetturi 'di seconda mano' minghand diversi "auto dealers" ohra u dan bi ksur esplicitu tal-obbligazzjonijiet kuntratwali tieghu, talli sahansita beda jiskarta u jwarrab il-vetturi lilu kkonsenjati mill-eccipjenti u jiffavorixxi l-bejgh tal-vetturi li l-istess konvenut rikonvenzjonant kien qieghed jixtri minghand 'auto dealers' ohra u dan kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*6. Illi oltre dan il-konvenut rikonvenzjonant beda jiggestixxi l-operat tan-negozju ta' bejgh ta' vetturi b'mod irregolari, illegali u abbuziv ad ezempju billi jaghti x'jifhem lill-eccipjent illi terzi xerrejja kienu qeghdin ihallsu depozitu fuq il-vettura minnhom mixtrija, kif kien jinsisti l-istess eccipjent, mentri dan ma kienx ikun minnu u diversi irregolaritajiet ohra (tant illi sahansitra l-istess konvenut rikonvenzjonant kien gie misjub hati ta' mizapproprjazzjoni u kkundannat tmintax-il xahar habs sospizi ghal erba snin mill-Qorti tal-Appell Kriminali) illi se jirrizultaw ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza, liema irregolaritajiet, anke kieku ma kienx il-konvenut rikonvenzjonanti stess illi kiser il-ftehim vigenti bejn il-partijiet, kienu jaghtu raguni valida lill-eccipjent sabiex l-istess ftehim jigi xolt u terminat.*

*7. Illi bl-istess mod, il-konvenut rikonvenzjonant inganna u qarraq bl-eccipjent billi qatt ma informah illi effettivament huwa kien qieghed jopera n-negozju tieghu ta' auto dealer minghajr il-permessi u l-licenzji rikjesti mil-ligi, anzi dejjem tah x'jifhem bil-kontra, u allura anke ghal dan il-motiv ukoll anke kieku ma kien il-konvenut rikonvenzjonant innifsu illi kiser u vvjola l-ftehim vigenti bejn il-partijiet, kienu jaghtu raguni valida lill-eccipjent sabiex l-istess ftehim jigi xolt u terminat.*

*8. Illi f'kull kaz il-konvenut rikonvenjonant ma jistax jitlob il-kundanna ghall-hlas ta' penali u ghall-hlas tad-danni rizultanti mill-allegat fatt (illi assolutament mhuwiex minnu) illi l-eccipjent unilateralment ivvjola l-ftehim tal-11 ta' Gunju 1998 vigenti bejn l-partijiet stante illi m'hemm l-ebda dubju illi l-penali stabbilita fl-imsemmi ftehim kienet intiza bhala kumpens ghad-danni prelikwidati u ghal dan il-mottiv ukoll it-talba (e) sa (g) tal-konvenut rikonvenzjonant, l-istess bhat-talbiet l-ohra, ghandhom jigu michuda."*

Rat il-verbal tas-7 ta' Novembru 2001 illi bih gie nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi (a fol.37) ;
Rat id-digriet tad-9 ta' Mejju 2006 tal-Qorti kif diversament preseduta illi bih gie nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli illum Magistrat (a fol. 362);

Rat il-verbal tal-15 ta' Frar 2007 (a fol. 368) illi bih gie nominat il-Perit Legali Dr. Anna Mallia ;

Rat ir-relazzjoni il-Perit Legali prezentata fil-5 ta'Marzu 2012 u mahlufa fit-fit-13 ta' Lulju 2012;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta li bih ordnat l-isfilz tal-affidavit ta' Carmelo Cuschieri (a fol 117) ;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tat-30 ta' Gunju 2003 li bih ordnat l-isfilz tal-affidavit ta' Carmelo Cuschieri u ta' Joseph Abela (a fol 149) ;

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tal-14 ta' Novembru 2013 li bih il-Qorti halliet il-Qorti ghas-sentenza in diffetto ostakolo bil-fakolta' moghtija lill-partijiet sabiex jipprezentaw nota t'osservazjonijiet, fit-termini moghtija;

Rat illi l-partijiet baqghu inadempjenti;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda tal-attur permezz ta' affidavit (a fol 118), jirrizulta illi huwa kien *auto dealer* mis-sena 1973 u li sar jafu lill-konvenut tramite Carmel Cuschieri fis-sena 1997 meta l-konvenut kien ghadu fil-bidu tan-negozju tieghu bhala auto dealer.

Ikkkonferma illi kien dahal fi ftehim mal-konvenut fl-11 ta' Gunju 1998 li permezz tieghu huwa kien jghaddi l-vetturi kollha li huwa ma kienx ibiegh lil konvenut *on consignment* u l-konvenut kien jesponihom ghal bejgh fix-*showroom* tieghu li tinsab Gianluca Auto Dealer f'Birkirkara. Meta l-konvenut kien ibiegh xi vettura lil terzi huwa kien igib ix-xerrej ghand l-attur u suppost li kien jithallas deposit u l-bilanc kien jigi kopert b'kambjali favur tal-istess attur.

L-attur xhed li kien izomm *ledger* li fih inizzel record tal-vettura li kien jikkonsenja lil konvenut u l-prezz. Il-ftehim kien li huwa jghaddi vettura *on consignment* lil konvenut, jiftehmu l-prezz taghha per ezempju elfejn lira (LM2000) l-konvenut joffriha ghal bejgh mix-*showroom* tieghu ibiegha lit-terz per ezempju elfejn u hames mitt lira (LM2500) u jiehu hames mitt lira (LM500) profit waqt li l-attur jiehu l-prezz miftiehem u dan kin jigi kopert b'kambjali rilaxxjati mix-xerrej a favur tal-attur.

L-attur sostna li l-konvenut ma kienx zamm il-ftehim u beda jixtri karozzi *second hand* minghand diversi dealers ohra, ghamel hafna irregolaritajiet bhal bejgh ta' vetturi lil certu Glenn Debattista li ma kienx persuna afffidabbli finanzjarjament tant li Debattista ghadu debitur tal-attur fis-somma ta' disat elef lira (LM9000). L-istess jinghad ghal Raymond Borg li ghadu debitur tal-attur fis-somma ta' tlett elef lira (LM3000), ghal Kevin Grima debitur fis-somma ta' elf u mitejn lira (LM1200), Carmen Spiteri debitrici fis-somma ta' tlett elef u hames mitt lira (LM3500), Anthony Tabone debitur fis-somma ta' tlett elef u erba' mitt lira (LM3400), John Borg, Daniel Schembri u bosta ohrajn.

L-attur sostna li induna li l-karozzi li kien jikkonsenja lill-konvneut kienu jitqieghdu fuq in-naha ta' wara tax-*showroom* u l-konvenut ma baqax jirsisti biex ibieghhom filwaqt li kien qed jippromwovi il-bejgh ta' vetturi akkwistati minghand *dealers* ohra. L-attur spjega li wasal ghal din il-konkluzzjoni minhabba it-tnaqqis drastiku ta' bejgh ta' vetturi da parti tal-konvenut.

Ghalhekk l-attur iddecieda illi ma jibqax jinnegozja mal-konvenut. L-attur sostna illi kienu inqalghu hafna problemi rigwardanti *tickets* ghal kontravenzjonijiet ta' nuqqas ta' hlas ta' licenzji, u li konsegwentement l-attur sab ruhu fi problemi mal-pulizija. Qara fil-gazzetta li l-konvenut kien instab hati fuq mizapproprjazzjoni u kien wehel sentenza sospiaz u prezenta kopja tal-istess Dok AV2.

L-attur isostni li l-partijiet kienu qablu li jtemmu il-ftehim tas-sena 1998 verbalment fil-prezenza ta' Joe Abela, Joe Zahra u Carmelo Cuschieri, u l-*accountant* George Muscat li kien gie inkarigat mill-attur biex jaghmel rendikont tal-ammonti li kellu jaghtih l-konvenut.

Il-ftehim ma sehhx, u l-attur kellu diversi vetturi fil-pussess tal-konvenut, u dana skond il-lista ta' vetturi pprezenta mac-citazzjoni. L-attur ikkonferma li irnexxielu jiehu lura l-vetturi kollha ghajr tlieta, u cioe' Skoda 12 Reg No BBB 823, Ford Escort vann Reg No IAA 849 u Dacia Reg No JAG 334.

L-attur afferma illi  l-vetturi li irnexxielu jiehu lura kienu fi "stat dizastruz" minghajr batterija u bil-licenzja mhix imhallsa.

Ghalhekk l-attur iddecieda li jinkariga lis-*surveyor* Natalino Agius biex spezjona dawn il-vetturi. Agius wettaq *survey report* dwar dawn il-vetturi.

L-attur sostna li sofra danni kbar konsistenti fit-telf tal-valur ta' dawn il-vetturi minhabba fil-kundizzjoni illi huwa hadhom minghand l-konvenut apparti l-licenzji skaduti u diversi *tickets* li kellu jhallas.  Il-parti l-kbira ta' dawn il-vetturi kienu mitluqin go ghalqa "biex jitmermur u jitfarku".

L-attur sostna illi d-danni kbar sofferti jirrizultaw mill-kuntrast tal-valur tal-karozzi moghti mis-*surveyor* Natalino Attard meta mqabbla mal-valur tal-istess karozzi kif mifthema bejn il-partijiet.

Apparti minn dan, l-konvenut attenta li jrazzan lill-attur mill-operat tieghu bhala negozjant tal-karozzi meta intavola mandat ta' inibizzjoni numru 874/99 li gie michud.

L-attur iddikjara illi l-konvenut baqa' ma kkonsenjax lura t-tlett vetturi kif mitlub u l-attur ippretenda almenu il-prezz indikat fir-registru.

Fil-konfront tal-kontro-talba l-attur sostna li huwa ma ghandu jaghti xejn lill-konvenut

Charles Pace (a. fol 213 et seq.), dealer tal-karozzi *second hand*, xhed li jaf lil konvenut li kien ibeghelu xi karozzi  lejn l-ahhar tas-sena 1999 u mhux qabel. Pace sussegwentement  ma deherx li kien cert minn dana kollu u lanqas kien jaf , li l-konvenut kellu ftehim mal-attur.

A fol 244 u 245 Pace pprezenta Dok CP1 u CP2 , li a fol 267 u indika il-vetturi li biegh lil konvenut f'Marzu 2000. Ikkonferma li beda n-negozju mal-konvenut fil-bidu ta' Marzu 2000.

Brian Farrugia rapprezentant tal-Awtorita' dwar it-Trasport ADT ezebixxa id-dokumentazzjoni kollha ta' kull vettura indikata fit-tahrika ta' xhieda u cioe tad-disgha u erbghin (49) vettura markati Dok BF1 sa BF 48, ghajr ghall- BF 29. Xehed (a fol. 554) li l-vetturi indikati f'Dok BF 26 u BF 35 kienu gew *scrapped,* waqt li l-vettura indikata f'Dok BF27 qatt ma kienet registrata f'isem Antoine Auto Dealer jew Charles Bianco. Rigward BF28 kien hemm *CID case* fejn talbu li jihdu passi kontra l-konvenut; Dok BF33 ghandhom dokumentazzjoni minghand Jean Carl Farrugia li l-vettura giet trasferita lil Antoine Auto Dealer izda it-trasferiment qatt ma sar.

Ir-ricerka li wettaq Brian Farrugia kienet fuq s-segwenti vetturi: (1) Mazda AAV286; (2) Seat CAA 612; (3) Toyota CAL 148; (4) Isuzu CBE 408; (5) DAB 347 Bedford; (6) DAO 524- Citroen; (7) EAE 758 – Escort; (8) EBB 657 – Escort; (9) IAD 438 – Peugeot; (10) IAE 434 – Peugeot; (11) IAF 545 – Escort; (12) IAJ 052 – Talbot; (13) IAR 268 – Isuzu; (14) IAW 216 – Peugoet; (15) JAM 405 – Peugeot; (16) JAU 803 – Toyota; (17) JAV 236 – Lada; (18) KAB 287 – Peugeot; (19) BAU 723 – Seat; (20) IAJ 148 – Skoda; (21) IAD 505 – Citroen; (22) KAR 884 – Lancia; (23) LAM657 – Audi; (24) LSW 415 – Isuzu; (25) JAX 482 – Peugeot; (26) LAV 627 – Isuzu; (27) JAC 204 – Austin; (28) BBB 049 – Fiat; (29) IAM 462 – Peugoet; (30) AAV 415 – Ford; (31) HAN 701 – Ford; (32) IAM 264 – Austin; (33) FAD 127 – Landrover; (34) LAC 971 – Mercedes; (35) JAD 083 – Peugeot; (36) KAL 019 – Austing; (37) LAD 103 – Citroen; (38) CAL 243 – Fiat; (39) EAO 608 – suzuki; (4) IAD 852 – Austin; (41) DAO 953 – Morris; (42) FAS 524 – Skoda; (43) JAP 994 Maruti; (44) LAA 132 – Ford; (45) BBA 724 – Fiat; (46) DAR 993 – Ford; (47) DBB 823 – Skoda; 48 IAA 849 – Ford, (49) JAG 334 – Dacia .

Brian Farrugia ghan-nom tad-Direttur tal-Licenzji, (a fol 115 u kopja tal-istess a fol 209) pprezenta diversi formoli ta' *Change of Road Licence and Ownership* (vide fol 160 sa 208 tal-process) jindikaw l-perjodu sa meta r-*road licences* tal-varji karozzi gew imhalsa.

Brian Farrugia xhed illi ma kellux informazzjoni dwar kontravenzjonijiet fuq l-istess vetturi.

Brian Farrugia a fol 264 et seq. ikkonferma Dok BF (a fol 242) li hija l-lista ta' vetturi li taghha pprezentaha bl-informazzjoni mitluba u cioe is-sid registrat, ic-citazzjonijiet o meno fuq il-vettura, l-ammont dovut. Spjega li fejn hemm miktub "No" ifisser li m'hemmx multi dovuti u d-data tal-ahhar hlas tal-licenzja. Tali informazzjoni kienet miksuba mid-*database* tal-Awtorita' u ma tinkludix multi dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**Minn Dok BF a fol 242 et seq. tal-process jirrizulta li l-attur ma kellux multi dovuti fuq il-vetturi tieghu.**
A fol 271 l-attur pprezenta ircevuta fiskali tas-somma ta' mija u hamsa u erbghin lira (LM145) li hallas lis-*surveyor* Natalino Agius ghas- *survey* tal-karozzi.

Natalino Agius prodott mill-attur kkonferma r-rapport tieghu a fol 10 tal-process Dok C. Huwa sostna illi kellu tnax-il sena esperjenza, u li valur ta' karozza jiddeprezza maz-zmien. Agius sostna li l-karozzi kienu f'ghalqa ta'Godwin, f'*garage* u ftit minnhom fi triq tar-Rabat. Il-karozzi kienu mitluqin.

L-istima moghtija mis-*surveyor* Agius hija s-segwenti:

1. IAJ 052 Talbot Horison LM500; log book esebit
2. IAD 438 Peugeot LM1000; log book esebit
3. KAL 019 Austin van LM150; log book esebit
4. LAM 657 Audi LM300; log book esebit
5. JAC 204 Austin Mini LM250; log book esebit
6. IAM 265 Austin LM700; log book esebit ta' IAM264 l-istess mudell.
7. AAV 286 Mazda 323 LM900; log book esebit
8. LAC 971 Mercedes LM2000; log book esebit
9. IAM 462 Peugeot 205 LM1400; log book esebit
10. IAE 434 Peugeot 205 LM1600 (log book esebit) ;
11. JAD 083 Peugeot 305 LM450; log book esebit
12. JAX 482 Peugeot 405 LM3300; log book esebit
13. HAN 701 Fiesta van LM2400;
14. IAF 545 Escort van LM700; log book esebit

15. EBB 657 Escort van LM1600;
16. DAB 347 Bedford van LM1200; log book esebit
17. CBB 408 Isuzu Gemini LM1900; log book esebit
18. LAW 415 Isuzu Gemini LM2000; log book esebit
19. IAV 627 Isuzu Gemini LM1400; log book esebit
20. IAR 268 Isuzu Gemini LM2000; log book esebit
21. IAD 505 Citroen AX LM700; log book esebit.
22. KAR 884 Lancia Thema LM1800;
23. CAA 612 Seat LM350;
24. IAJ 148 Skoda LM100; log book esebit
25. KAB 287 Peugeot 405 LM3800; log book esebit
26. JAM 405 Peugeot 205 LM1800 ;log book esebit
27. FAD 127 Land Rover LM2000; log book esebit
28. JAV 236 Lada Estate LM300 (log book esebit) ;
29. DAO 524 Citroen BX LM1600 (log book esebit) ;
30. EAE 758 Ford Escort van LM1800; log book esebit
31. LAD 103 Citroen BC LM1400 u
32. AAV 415 Fiesta van LM900. log book esebit

Jirrizulta ghaldaqstant li uhud mill-vetturi kienu minghajr *log book*. Jirrizulta wkoll li l-vetturi li taghhom gie prezentat l-*log* kienu registrati f'isem Antoine Auto Dealer ghajr ghall:

1. FAD 127 registrata f'isem Jan Karl Farrugia;
2. IAV 627 f'isem Paul Micallef ;
3. IAM 462 f'isem Mary Vassallo;
4. LAC 971 f'isem Michael Attard Limited ;
5. IAM 624 f'isem Antoine Vassallo; u
6. JAC 04 f'isem John Said .

Gew esebiti l-*log books* ta' BBH 049; IAD 43B u IAJ 052 li mhux fil-lista tal-mobbli li saret valutazzjoni taghhom.

A fol 418 et l-attur prezenta kopja awtentikata tar-registru , skond il-verbal tal-11 ta' Gunju 2009.

In kontro-ezami l-attur (a fol. 511) xehed illi kien qed ihalli f'idejn il-Qorti dwar l-ammont li qed jippretendi. Jinnega illi l-partijiet kienu lahhqu ftehim li bih l-konvenut kellu jtih hamest lira (LM5000) waqt li l-attur jghaddilu l-karozza lura. Ghar-rigward tad-depositi fuq il-karozzi isostni li d-depositu kien jiehdu l-konvenut u mhux l-attur.

Ikkonferma li kien izomm l-*logbooks* tal-vetturi konsenjati u mal-bejgh jghaddi l-*logbook* lill-konvenut. L-attur baqa' jilmenta illi hu ghadu "mcappas" b'kambjali mhux onorati u semma li Glenn Debattista kellu jaghtih xi disat elef lira (LM9000).

B'referenza ghar-registru prezentat minnu fil-31 ta' Lulju 2009 fil-folja li tibda "25-6-98", l-attur sostna li l-firma kienet tal-konvenut u mhux tieghu (a fol. 434).

Muri fol 109 n-*notice of transfer* tal-vettura DAR – 993 u l-*logbook* taghha fol 108 u fol 109, l-attur sostna li la l-firma tax-xerrej u lanqas tal-bejjiegh ma kienet tieghu. Jghid li dik il-karozza kienet tal-konvenut – "ddawwarha". L-attur ikkonferma il-firma tieghu bhala 'seller' a fol. 100.

In kontro-ezami l-attur sostna (a fol. 698) li l-kuntratti tal-bejgh tal-karozzi kienu kollha pprezentati u d-depositi relattivi kienu imsemmija fil-kuntratti rispettivi.

Fil-kontro ezami ulterjuri a fol 704 , sostna li ma kull bejgh ta' karozza kien jghaddi lil Bianco l-*log book* relattiv sabiex jaghmel it-*transfer* skond Regulation 25. Dwar il-*logbooks,* l-attur kien jiffirma l'ghaliex il-karozza kienet tkun registrata fuq ismu. Jghid li gieli mar Joe Abela jaghmel it-*transfers* izda l-bicca l-kbira tal-karozzi mibjugha mill-konvenut, kien ikun l-istess konvenut li jaghmel it-*transfer*. Fl-iskrittura li saret quddiem Dr Cris Cilia hemm lista ta' vetturi li baqghu ghand l-konvenut.

Fl-affidavit tieghu, a fol 100 et seq l-konvenut xhed li kien *dealer* u jbiegh vetturi *second hand* u jimporta l-vetturi wkoll. Sostna li kien gie avvicinat minn Nenu Cuschieri (habib tal-attur) *sub-agent* ta' Peugeot, li ukoll kien jahdem bhal *car dealer*. Cushieri qallu li l-attur xtaq ikellmu biex jaghmel negozju mieghu. Huwa accetta bil-patt li Nenu Cuschieri jiehu senserija fuq karozzi mixtrija minghand l-attur.

L-konvenut sostna li Nenu Cushieri kien ikun mieghu ta' spiss meta kien jinnegozja mal-attur fuq xiri u bejgh ta'

karozzi u kien ukoll itella l-klijenti tieghu mieghu biex isiru trattativi ma’ Antoine Vassallo.

L-attur kien jitolbu depositu ta’ kwart tal-prezz tal-karozza u meta jsir il-bejgh tal-vettura mill-konvenut, l-attur kien johrog kambjali favur tieghu ghall-klijent tal-konvenut. Din in-negozju sar diversi drabi mal-klijenti tal-konvenut fl-ufficju tal-attur r-Rabat u fil-prezenza ta’ Godwin Guntrip. Guntrip kien dejjem jghodd il-flus li kien qed jircevi minghand l-konvenut bhala depositu fil-prezenza wkoll tal-attur.

Fin-negozji kollha li saru, bejn il-konvenut, il-klijenti tieghu, u l-attur, (fuq izbriga tal-konvenut), l-istess konvenut qatt ma thallas kummissjoni fuq il-bejgh lil klijenti tieghu, u l-konvenut isostni li lanqas id-depositu li kien ikun imhallas bil-quddiem ma kien jiehu lura. Meta l-karozza tigi tinbiegh lil klijenti tal-konvenut, il-kambjali kienu isiru a favur tal-attur u jigu prezentati lill-*Bills Unit* tal-Bank of Valletta. Meta l-konvenut kien insista biex jithallas mill-attur, l-attur kien jirispondih li kien hemm pendenzi mad-Dipartiment tal-VAT fuq dawk il-vetturi. L-konvenut xhed li hu kien diga ddikjara il-qliegh li kien ghamel mal-*Vat Office* u ghaldaqstant kien kostrett ihallas madwar erbghatax-il elf lira (LM14,000) Vat fuqhom (vide Dok CB1). L-konvenut sostna li l-attur qatt ma hallsu l-bilanc dovut lilu tal-qliegh u tad-depositi dovuti lilu. L-konvenut iddikjara li kien ikompli jinnegozja ‘l ghaliex kien jixtri vetturi uzati minghand il-privat u jinnegozjhom, minghajr indhil tal-attur.

L-konvenut xhed illi l-ftehim bejn il-partijiet kien fis-sens li kull parti jhallas multa ta’ elf lira (LM1000) kemm–il darba jivjola il-ftehim ghal dak illi jirrigwardja l-esklussivita’ fin-negozjar qua *dealers*. Jghid li l-ftehim dam xi sena u nofs u gew mixtrija mitejn sebgha u sittin (267) vettura minghand l-attur. L-konvenut iddikjara li hallas lill-attur madwar erbgha mija sebgha u sittin elf, tlett mija disgha u erbghin lira (LM467,349). L-konvenut induna li l-attur beda jbiegh vetturi lil *dealers* ohra u meta ikkonfronta lill-attur, l-attur beda joffendih. L-konvenut mar ikellmu r-

Rabat u sab tlett (3) *dealers* ohra hdejn l-attur u cioe lil Godwin Guntrip, Marco Attard u Antoine Scerri.

L-ghada filghodu l-konvenut induna li vettura li kien xtara minghand l-attur kienet giet konsenjata lil *dealer* iehor certu Marco Attard u dan sar jafu minn l-istess Attard.

L-konvenut xhed li nqalghet problema ohra dwar vettura tal-ghamla Ford Fiesta li l-konvenut partat ma' certu Engelbert Demicoli u li l-vettura, spiccat biex giet mizmuma mill-attur bl-iskuza li kellu jqabbel c-*chassis number* u l-*engine number.* Meta l-konvenut tella il-vettura ghal dan il-ghan, l-attur ikkonsenja din il-karozza lil Godwin Guntrip li bieghha lil certu Carmel Frendo. Ic-certifikat tal-vettura baqat ghand l-konvenut peress li din kienet imhallsa kollha. L-konvenut sostna li l-attur ffalsifika l-firma ta' Engelbert Demicoli u ttimbra bhala xhud lilu nnifsu fuq karta ohra maghmula mid-Dipartiment tal-Licenzji f'kaz ta' *log book* mitluf meta fir-realta ma kienx mitluf xejn imma ghadu sal-lum fil-pussess tal-konvenut (vide Dok CB2). Engelbert Demicoli sal-lum qatt ma ffirma ghat-trasferiment tal-vettura. Meta l-konvenut pprotesta li skond l-ftehim, l-attur kien obbligat li jbiegh lill-konvenut biss, l-attur wiegbu li dik bicca tieghu u jekk ried kellu jfittxu ghad-danni u li dik l-iskrittura ma tiswa xejn.

L-konvenut jghid li pprova jahdem mal-attur u anke qabbad lil-avukat tieghu biex jerga jiktiblu biex jaghtih l-vettura skond l-iskrittura li kellhom bejniethom. Dan ma wassal ghal xejn l' ghaliex xi granet wara, l-attur baghat lil Godwin Guntrip u zewg haddiema biex jigbru l-karozzi kollha li kienu fil-pussess tal-konvenut. L-konvenut ipprotesta izda Guntrip qallu li kien xtrahom hu skond ftiehem verbali mal-attur. Ix-xhud cempel lil attur sabiex irodd lura flusu u l-attur wiegbu li kellhom jaghmlu l-kontijiet u fejn necessarju jiskambjaw l-*log books* .

Il-Konvenut jghid li kien nefaq il-flus biex jiranga il-vetturi li gew mehuda minn Guntrip f'kundizzjoni aqwa milli kienu meta hadhom minghand l-attur. L-konvenut xhed li kien kostret jikkonsenja il-vetturi l' ghaliex Godwin kien heddu li

kien reat jekk izomm l-vetturi u li kien lest jehodhom bil-forza.

L-konvenut xhed illi meta mar ikellem lill-attur biex jirrangaw, l-attur ippretenda li l-konvenut ihallsu madwar disghin elf (LM90,000). L-attur beda jidghi, keccieh mix-*showroom* u spicca ha proceduri kriminali kontra l-konvenut ghal-theddid u saritlu garanzija mill-Qorti.

Wara li giet intavolata l-kawza, l-konvenut sar jaf b'diversi *dealers* ohra li l-atttur kien biegh karozzi fiz-zmien illi kien ghadu fis-sehh il-ftehim bejn il-partijiet u cioe' Godwin Guntrip, Nicholas Schembri, Marco Attard, Antoine Scerri , Ritchie Attard.

L-konvenut indika diversi ragunijiet l' ghaliex il-paritjiet ma setghux jibqghu jinnegozjaw flimkien, fosthom li l-attur kien ghamel pattijiet ma' *dealers* bil-ksur tal-patt li kellhom bejniethom; li kien jghid man-nies li l-konvenut kellu jtih xi tmenin elf lira (LM80,000); kien jghid man-nies li l-konvenut kien jixtri u jimporta karozzi misruqin; kien jghid man-nies li l-konvenut kien involut f' *money laundering*; li sar jaf li l-attur qal li Godwin Guntrip biex jirreklama f'ismu fuq il-gazzetti dawk l-istess vetturi tal-attur li kienu ghand l-konvenut ghal bejgh sabiex ma jidhirx l-attur; li l-attur kien ghamel kambjali doppji fil-bank f'kaz li jkun hemm tpartit ta' vettura u jerga jiftah kont gdid u jigbed il-flus f'isem ix-xerrej u dan kif jirrizulta minn Stephen Mifsud, Engelbert Demicoli u ohrajn; li meta klijent kien ikun moruz f'xi pagament l-attur kien jibghat nies biex isawtuh, kien baghat lavranti tieghu kif ukoll konsulent tieghu biex jodhulu u cioe jisirqulu vettura tal-ghamla Suzuki Samurai bin-numru ta' registrazzjoni taghha KAI 419 u jghidilhom biex ma jghidulux li haduha u wara li bdiet il-kawza sar jaf li l-konsulent tieghu jismu John Sultana; li l-attur beda jitlob prezz esagerat tal-vetturi tieghu biex l-konvenut ma jixtrihomx u l-attur jkollu skuza biex jghaddihom lil *dealers* ohra; li l-attur kien jikteb ittri anonimi lil banek kif ukoll lil pulizija biex jaghmel ostakoli u jirrapporta lill-konvenut meta dan jkollu xi vetturi pparkjati fit-triq; li l-attur kien ukoll johrog *cancellation* mid-Dipartiment tal-Licenzi fuq vettura li tkun tal-konvenut kif gara fil-kaz ta' certu klijent

Joe Scifo; li l-attur beda jghid ukoll li l-konvenut ffrodah s-somma ta’ elf u hames mitt lira (LM1500) fuq Suzuki Vitara DAC 569 meta l-konvenut kien hallsu fil-prezenza tal-klijenta, ta’ missierha, ta’ Godwin Guntrip u anke ghaddielu ircevuta *in full and final settlement* is-somma ta’ hamest elef u hames mitt lira (LM5500) (vide Dok CB3); l-attur kien jibghat l-impjegati tieghu ghand il-klijenti tal-konvenut u cioe lil dawk li kienu xraw vetturi minghand l-konvenut biex jigbru xi pagament. Dawn l-impjegati kienu jghidu lil klijenti li kienu mibghuta mill-BOV plc u anke gieli marru fil-11pm kif tista tikkonferma Erika Azzopardi; u li l-attur ma kienx jaghti kopja tal-*agreement* lil klijenti u ghalhekk qanqal hafna problemi lil konvenut billi dawn kienu jmorru ghand l-konvenut ghas-sodisfazzjoni ukoll ghaliex gieli ma naqqasx il-prezz tal-vettura moghtija lilu bhala *part exchange*.

In kontro-ezami (a fol. 285 et seq) l-konvenut jghid li l-attur kien izomm registru tal-vetturi li kien jghaddilu u meta kien jghaddilu kwart mill-prezz, l-attur kien inizzel dan fir-registru. L-konvenut jghid li kellu kopja ta’ dan ir-registru fejn kien jitnizzel in-numru tal-vettura u l-prezz, pero mhux dejjem kien jiffirma fuqu. Id-depozitu ma kienx jitnizzel ghax l-attur kien jghidlu li mid-depozitu riedu jithallsu l-VATu xi affarijiet ohra. Fl-ahhar kien l-konvenut spicca biex hallas l-VAT hu.

Muri fol 242 sa 263 kopja tar-registru, il-konvneut gharaf l-firma tieghu a fol 247,249, 250 gharaf firma wahda minnhom, a fol 254 xhed li il-firma t’isfel ma kienitx tieghu, a fol 256, ikkonferma firma tieghu u a fol. 259 ikkonferma li wahda mill-firem kienet tieghu u l-ohra le.

Il-konvenut spjega kif kien isir in-negozju bejn il-partijiet u cioe’ kien jiehu l-vetturi minghand l-attur, jtieh tlett kwarti tal-prezz tal-vettura, l-ftehim jiktbu fuq karti li jigu mghoddija lil Nenu li kien jiktibhom fir-registru. Il-prezz indikat fir-registru kien tal-bejgh tal-vettura *on consignment* u mhux l-prezz li l-konvenut finalment ibiegh il-vettura lill-terzi.

Mhux ma kull karozza kienu jaghmlu karta pero kollox kien jinkiteb fir-registru. Jekk ma tinbieghx l-vettura, l-konvenut jerga jikkonsenjha lura lill-attur. Pero gieli gara li l-attur jibghatlu lil xi nies biex jiehdu karozza fil-pusses tal-konvenut ‘l ghaliex jghidlu kien ikun bieghha l-attur. L-konvenut jghid kien izomm *record* tal-vetturi li ha minghand l-attur.

Il-konvenut iddikjara illi l-attur ha pussess tal-vetturi kollha konsenjati lilu, pero rcevuta li turi dan ma kellux. Kien ha biss notamenti. L-konvenut jinnega li kien jinnegozja ma haddiehor fil-mori tal-ftehim li kellu mal-attur. L-konvenut cahad illi kien hemm xi hsarat fuq il-karozzi migbura mill-attur ‘l ghaliex kienu kollha garaxxjati meta gew haduhom. Jekk il-karozzi kellhom xi hsarat, dan sar wara it-tehid tal-karozzi minn Guntrip u waqt l-hazna taghhom gol- *yard* ta’ Guntrip.

Ghar-rigward tas-*survey* maghmul minn Natalino Agius, il-konvenut iddikjara illi l-kondizzjoni tal-vetturi deskritta sehhet wara l-konsenja tal-vetturi kif fuq intqal. Sussegwentement il-konvenut jghid illi hadhom minghand l-attur f’dik l-kondizzjoni u li rranga diversi vetturi, fosthom Isuzu Gemini li rrangaha kollha u nefqilha madwar elf lira (LM1000).

Ghar-rigward tal-licenzji tal-karozzi konsenjati u multi fuq l-istess, il-konvenut iddikjara li ma jaf xejn dwar dan ‘l ghaliex dawn kienu jaqghu taht ir-resposabillita’ tal-attur.

Il-konvenut sostna li l-attur kkonsenjalu mitejn u sebgha u sittin (267) vettura ghall-ammont ta’ erba’ mija hamsa u sittin elf lira (LM465,000) u li madwar sebgha karozzi gew konsenjati lura lill-attur. Jghid li minn dan l-ammont ta’ karozzi, huwa rnexxielu jbiegh mija u disghin (190), u ghalhekk l-attur kellu jtih disghin elf lira (LM90,000) ta’ mitejn u sittin (260) vettura minus dawk li rritorna lura. Il-konvenut xhed li huwa qatt ma ha proceduri kontra l-attur qabel ghax dejjem ried li l-partijiet jilhqu ftehim bonarju.

L-konvenut pprezenta a fol 318 Dok XI ittra mibghuta minghand l-avukat tal-attur fit-18 ta' Mejju 1999 illi turi il-pretensjonijiet tal-attur biex jasal ghall-transazzjoni:

1. il-konvenut ihallas is-somma sitt elef u sit minn lira (LM6600);
2. jirritorna t-tliet vettura proprjeta tieghu;
3. l-attur jghaddi l-*log books* rikjesti mill-konvenut;
4. Renaldo Arciola jiffirma l-*log book* u transfer;
5. l-konvenut jghaddi lill-Guntrip l-Jeep bin-numru ta' registrazzjoni KAI 419.

L-konvenut ipprezenta ittra ufficjali Dok X2 mibghuta lil konvenut mill-attur datata 4 ta' Frar 1999 li permezz taghha l-attur talab danni ta' hmistax–il elf lira (LM15,000) u hlas ta' sbatax –il elf tmin mija sebgha u sittin lira (LM17,867) dovuti fuq in-negozju ta' bejgh tal-karozzi.

L-konvenut ezebixxa Dok. X3 l-pagament ta' erbghatax–il elf lira (LM14,000) li kellu jaghmel lil Kummissarju tal-Vat (a. fol 320). Giet ezebita Dok X4 ittra mibghuta lil konvenut mill-avukat tal-attur fis-26 ta' Mejju 2003 sabiex il-konvenut ihallsu is-somma ta' mija tmienja u disghin lira, u erbgha centezmi (LM198.04c) l-import ta' zewg kambjali skaduti u dovuti rigward Mazda 626, IAB 475. L-konvenut ezebixxa Dok. X5 li hija obligazzjoni assunta mill-istess konvenut biex ihallas hames mitt lira (LM500) lill-Kevin Falzon sal-20 ta' Awissu 2002 rapprezentanti *"kambjali skuntati u stat il-fatt jirraprezentaw lid-ditta Antoine Auto Dealer*". Il-ftehim huwa datat 24 ta' Lulju 2002. (a fol 322).

Il-konvenut a fol 325 in kontro-ezami sostna li jekk xi klijent ma kienx jonora l-pagamenti fuq il-karozzi, dan id-dejn kien ghar-responsabilta' tal-attur. Jghid li huwa qatt ma gabar flus f'idejh, u li l-flus kienu jithallsu lil bank jew lill-attur direttament 'l ghaliex huwa kien jakkompanja lill-klijent ghand l-attur ghall-dan il-ghan. Jispjega li kif l-attur kien jaghtih karozza *on consignment* ta' elf lira (LM1000) per ezempju u l-konvenut kien jaghtih mitejn u hamsin lira (LM250) qabel ma jbieghha. Meta l-konvenut kien ihallas il-flus tad-d*eposit*, l-attur ma kienx jirrilaxxa rcevuta u kien

jghidlu li jaghmel hekk biex d-dejn jinqaleb fuqu, u tidher fil-kuntratt awtomatikament mal-bank. Kien jghidlu li mbaghad jiltaqghu fl-ahhar tas-sena u jaghmlu rendikont. **Dan il-ftehim dam xi tmien (8) xhur jew sena (1) u kienu ghamlu karta.**

L-konvenut xhed li fiz-zmien tal-ftehim, huwa kien jahdem fix-xoghol tal-bini waqt li kien jinnegozja l-karozzi minghand xi nies, pero mhux *dealers*. Ghalkemm l-attur kien obbliga ruhu li jaghmel ir-rendikont fl-ahhar tas-sena u jghaddi ir-rekavat dovut lill-konvenut, dan qatt ma sar minn naha tieghu, u l-konvenut ma xtaqx jiksirha mal-attur bit-tama li jigbor flusu.

Il-konvenut xhed li l-attur beda jbiegh lil *auto dealers* ohra bi ksur tal-ftehim u dawn jinkludu lil Nicholas Schembri, Godwin Guntrip, Marco Camilleri. Il-konvenut ikkonferma li l-karrozzi, li kienu gew moghtija *on consignment* mill-attur u sussegwentement mittiehda minnu, kienu tqieghdu fir-razzett ta' Guntrip u l-konvenut jaf dan b'certezza ghaliex kien segwiehom fizikament u rahom *"b' ghajnejh fl-ghalqa".*

A fol 104 et l-attur pproduca lil Younis Petrus skrivan impjegat tieghu, li jzomm il-kotba u l-*accounts* tal-konvenut. Jghid li jaf bil-ftehim li ghamlu l-partijiet u li gieli mar mal-konvenut ghand l-attur biex inizlu xi karozzi li kien jixtri minghandu. Jghid li l-Milied li ghadda, inqala l-inkwiet bejniethom ghax l-attur ried bil-fors jiehu lura l-karozzi kollha li kien biegh lil konvenut li kienu ghadhom ma nbieghux lil terzi.

Petrus ikkonferma li kien prezenti mal-konvenut u ma klijent li xtaq jixtri wahda mill-karozzi *on consignment* u ghalhekk ried jaghmel il-kuntratt u jiffirma l-kambjali favur l-attur, meta l-attur dahar fuq il-konvenut u qallu li ried il-karozzi kollha lura, u li fin-nuqqas l-attur kien sejjer jehodhomlu bil-forza. Dan kollu sar fil-prezenza ta' Nenu Cuschieri , u l-*accountant* tal-attur certu George , Joey Abela li jahdem mal-attur u Guntripp, *second hand auto dealer* .

Din it-tilwima nqalghet malli l-konvenut ikkonfronta lil attur bil-fatt li l-attur kien qed ibiegh l-vetturi *second hand* lil *dealers* ohra bi ksur tal-ftehim u l-attur rrisponda li din bicca tieghu u meta Petrus qal lil attur li ma kienx qed jaghmel sew l-attur qallu biex ma jindahalx.

Xi jiem wara, l-attur irrifjuta jghaddi *log book* ta' karozza li l-konvenut kien biegh lil terzi bil-proceduri normali.

Petrus xehed li  l-konvenut kien biegh bid-dejn Marina diesel lil certu Patrick Attkins li giet partata ma' Peugeot 205 li kellu Godwin Guntripp.  Guntripp kien akkwistha minghand l-attur li zamm id-dejn taghha.  Petrus xhed li l-attur kien offrielu kemm-il darba sabiex Petrus jinganna lill-imghallem izda Petrus rrifjuta.

Petrus xhed li fost il-karozzi li gew mehuda mill-pussess tal-konvenut u moghtija lura lill-attur kien, hemm karozzi Isuzu Gemini diesel, Mini Metro, Citroen, Peugeot 205 Peugeot 405 illi l-konvenut kien ghamel spejjez kbar biex sewwihom biex jerghhu jinbieghu.

Petrus xhed illi l-karozzi l-ohra li gew ritornati lill-attur, kienu fl-istess kundizzjoni, illi l-konvenut hadhom minghand l-attur.

Petrus xhed illi l-konvenut kien  hallas lil attur fil-prezenza tieghu bejn flus kontanti u *cheque,* l-ammont ta'hamest elef, u hamest mitt lira (LM5500) ghall-Suzuki Vitara (Nru DAS 569),  u l-attur hareg ricevuta.  L-konvenut fl-istess okkazjoni, kien ta lill-attur *log book* ta' Suzuki ohra li kienet giet ghandu bi tpartit mal-istess Vitara sabiex l-attur iwaqfilha l-*insurance*.  Din it-tieni Suzuki kienet tal-konvenut.

Fuq il-Vitara kien hemm bilanc ta' tlett mitt lira (LM300) favur l-konvenut u l-attur offrihomlu *cash* pero l-konvenut qallu biex izommhom u jaqtaghhom mill-kont generali ta' bejniethom.

Petrus xhed illi in segwitu ta' tehied tal-karozzi kollha tal-konvenut mill-attur, kienu saru xi ghaxar laqghat bejn il-

partijiet sabiex isir ir-rendikont. Minn hawn gie skopert li l-attur ma kienx irregistra diversi depoziti li kienu sarulu mill-konvenut, **avolja dawn id-depoziti kienu kollha registrati fil-kuntratti tal-klijenti** ffirmati mill-attur bhala bejjiegh.

Skond il-konteggi maghmula mill-attur u l-*accountant* tieghu, il-konvenut kellu jhallas lill-attur is-somma ta' sitt elef, sitt mija u erbgha u tletin lira (LM6,634).

Petrus xhed li meta qal lil attur li seta facilment jiccekkja d-depoziti li kienu saru fuq il-kuntratti tal-klijenti, l-attur qallu biex dawn ma jsemmihomx u jahseb fih hu. Skond Petrus l-konvenut jikkontendi li l-attur baqghalu jtih mill-anqas xi tmintax –il elf lira (LM18,000).

Petrus xhed illi l-konvenut, sabiex jittransigi, kien sahhansitra accetta li jhallas lill-attur s-somma ta' sitt elef, sitt mija u erbgha u tletin lira (LM6634) bil-kondizzjoni li l-attur jikkonsenja lura lill-konvenut xi tmien *log books* izda l-attur ma accettax. L-konvenut anke offrielu li jaghtih b'xejn fis-sens li ma jdahhilhiex fil-kontijiet ta' bejniethom Suzuki Jeep pero l-attur ma accettax u qallu li kien ser jirrangah ghall-festi.

Petrus xhed li f'okkazjoni wahda sema lil attur jistieden lil Glenn Debattista biex jixtri karozzi uzati minghandu.

Petrus xhed ukoll li Godwin, Nenu Cuschieri u George gew fil-*garage* tal-konvenut u offrulu flus biex jipprova jirranga l-partijiet, izda Petrus rrisponda li l-konvenut ma kienx tifel u kien jaf l-affarijiet tieghu.

Gew ezebiti Dok CB1, CB2 u CB3 a fol 107 sa 109 tal-process; CB1 huwa l-ricevuta ta' erbghatax –il elf lira (LM14,000) li l-konvenut hallas lil Kummissarju tal-Valur Mizjud; CB2 biex juri li l-attur ffalsifika l-firma ta' Engelbert Demicoli f'kaz ta' *log book* mitluf meta skond l-konvenut ma kien mitluf xejn u kien ghand l-istess konvenut; Dok CB3 hlas ta' hamest elef u hames mitt lira (LM5500) *in full and final settelment* tal-vettura Suzuki Vitara DAC 569.

A fol. 528 et seq. Carmelo sive Nenu Cuschieri xehed li kien jahdem mal-attur u li l-konvenut kien imur ghandhom biex jixtri l-karozzi. Jghid li Bianco gieli hallsu flus kontanti u gieli halla kambjali. Il-karozzi tal-attur kienu jkunu fil-*garage* u anke ghal bejgh barra. Bianco kien jixtri l-karozzi biex jerga jbieghhom. Ma kienx jaf li kien hemm arrangament li l-karozzi konsenjati, izda mhux mibjugha, kellhom jigu rritornati lill-attur.

Cuschieri xhed illi kien prezenti ghal-diversi negozji bejn il-partijiet. Meta kien ibiegh karozza, Bianco kien imur ghand l-attur max-xerrej biex jifirmaw il-kambjali. Cushieri kien jara lil attur u xerrej jiffirmaw il-kambjali u mhux il-konvenut. Gieli ra flus ghaddejjin u qatt ma sema lil attur jghid lil Bianco jippreferi kambjali jew flus jew bil-kontra.

Cuschieri xhed li l-attur kien igerger li Bianco kellu jtih il-flus u anke gieli saru kontijiet bejniethom dwar kemm kien l-ammont dovut. Cuschieri ikkonferma illi kienu hadu parti mill-karozzi li kienu ghand l-konvenut u konsenjawhom lil attur.

Cushieri ikkonferma li l-attur kien jinnegozja il-karozzi ma' Marco Attard, Godwin Guntrip u certu Nikol. Cushieri sostna li l-karozzi li hadu minghand il-konvenut spiccaw ghand Godwin u nbieghu wara li gew imsewwija.

Cuschieri iddikjara illi l-partijiet kienu ftiehmu fuq is-somma ta' sitt elef, sitt mina u erbgha u tletin lira (LM6634) u "jista jkun li Bianco ried xi *log books* lura biex isir il-hlas" (a fol. 528). Jghid li l-karozzi li l-konvenut kien jiehu minghand l-attur kienu f'kondizzjoni tajba izda gieli gew irrangati miz-zewg partijiet. Il-karozzi li hadu minghand il-konvenut Bianco kienu go *garage* u fl'apert. Sussegwentement dawk il-karozzi gew irrangati mill-attur u mibjugha.

In kontro-ezami Cuschieri jghid li l-ftehim bejn il-partijiet ma sehhx ghax l-attur rrifjuta li jaghti l-*log books* qabel ma Bianco jaghtih l-flus.

Cuschieri a fol. 693 ikkonferma illi meta l-konvenut kien ibiegh karozza li jkun ha minghand l-attur, l-konvenut kien jitla' ghand l-attur u jhallsu depozitu. Meta l-partijiet kienu qed jipprovaw jittransigu il-partijiet kienu qabblu fuq l-ammont ta' sitt elef lira (LM6000), izda dal-ftehin ma sehhx l' ghaliex il-konvenut ried lill-attur jaghtih xi *log books*. Cuschieri kkonferma illi gabbru minn hamsa u tletin (35) sa erbghin (40) karozza minghand il-konvenut li tqassmu bejn l-attur u Guntrip. Hafna minn dawn il-karozzi inbieghu mill-attur, uhud gew imsewwija u mibjugha mill-attur Kien hemm xi karozzi li kellhom xi *spare parts* neqsin u sewwihom l-attur u bieghhom. Cuschieri ikkonferma is-segwenti: ***"naf illi Charles ma thallas xejn"***

Glenn Debattista (a fol.529) xhed li kien xtara bejn sebgha (7) u tmin (8) karozzi minghand l-konvenut u ffirma kambjali u hallas bi flus kontanti lill-attur r-Rabat. Debattista ikkonferma li l-konvenut dejjem ghand l-attur hadu biex ffirma kambjali mal-bank u parti thallsu u parti le. Dwar Peugeot 405 kien hemm kwistjoni ghax il-bank kien qal li kien hemm kambjali fuqu u fuq Renaldo Arciola. Il-karozzi li ma hallasx rega tahom lil attur u sar ftehim quddiem l-Avukat Dr Cris Cilia biex ihallas tant fix-xahar.

Stephen Mifsud (a fol. 533 et seq),xhed li jaf lil konvenut bhala *dealer* genwin. Mifsud xhed li kien xtara Peugeot 405 minghand l-konvenut, l-konvenut hadu ghand l-attur biex jaghtuh d-*deposit* fuq il-karozza u jaghmillu kambjali. Ffirma l-kambjali u l-kuntratt kemm irid ihallas fix-xahar. Sussegwentement xtaq ipartat il-Peugeot ma' Mazda 626 bajda u t-tpartit sar ma l-attur. Rega hallas d-depozitu u gew iffirmati il-kambjali fuq il Mazda. Il-Peugeot giet retornata lil konvenut. Mifsud xhed pero illi l-kambjali fuq il-Peugeot ma gewx imwaqqfa u kellu jkellem lill-attur li sussegwentement irranga kollox xi sena wara. Meta waqa lura fil-pagament tal-Mazda, l-attur baghat in-nies biex isawtuh. Mifsud mar ghand il-konvenut li gentilment hallaslu il-pagamenti li kien fadal u cioe madwar erbghin (40) kambjala.

Engilbert Demicoli (a fol. 542) xhed li kellu karozza Fiesta li xtara minghand l-konvenut pero kienet tghajjat lill-attur u

kellha numru DAR-993. Demicoli xhed li hallasha permezz ta' kambjali favur l-attur apparti li hallsu *deposit*. Kien iffirma kuntratt mal-attur u l-karozza hallasha kollha. Sussegwentement xtaq jixtri Escort u ghamel l-istess arrangament mal-attur izda l-*log book* tal-Fiesta ma ffirmahx u zammu l-konvenut u *transfer* tal-Fiesta ma ffirmhax. L-Fiesta kienet inbieghet. Demicoli xhed illi ufficcjali tal-bank baqghu jinsistu illi huwa kien moruz fil-pagamenti fuq il-Fiesta meta fil-fatt kien hallasha kollha.

Xehed Victoria Chetcuti (a fol. 542) in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc li tahdem *Bills Unit Central Operations*, ikkonfermat li l-attur kien il-klijent taghhom u spjegat fid-dettal is-sistema ta' *bills discounting* kif tithaddem meta si tratta ta' bejgh ta' vetturi minn *auto dealer*, ikkonfermat li ma jirrizultalhiex li kien hemm policy ta' kemm xerrej kellu jhallas bhala depozitu. Ikkonfermat li l-kambjali li jithallsu lil *dealer* jintbaghtu lilu stess.

A fol. 554, Joe Borg Cardona, rapprezentant tal-Bank of Valletta, xhed illi **r**igward Dok CB2 a fol. 404, kien gie mitlub ifittex l-*bills dicounting agreements* fuq *loans* tal-vetturi msemmija f'Dok CB2 u xehed li dawn kienu kollha maghluqin qabel s-sena 2003 u gie mgharraf li gew distrutti ghaliex skada il-perjodu ta' hames snin illi fih id-dokumenti iridu jinzammu skond il-ligi, minn meta nghalqu u ezebixxa Dok. JBC1 li jinsab a fol. 556 u 557.

Godwin Guntrip (a fol. 693) xhed li jaf l-partijiet bhala *dealers* tal-karozzi. L-ewwel kien jaf lill-attur u kien jinnegozja mieghu. Guntrip jghid li hu jixtri karozza, li kienet titqieghed fil-pussess tieghu sakemm jbieghha. Illum ma ghadux jinnegozja mal-attur. Meta jbiegh l-karozza, itella x-xerrej ghand l-attur, jaghti *deposit* u gieli d-*deposit* jithallas mix-xerrej lill-attur. Ikkonferma illi huwa ghandu jiehu minghand l-attur madwar ghoxrin elf lira (LM20,000). Ammetta li l-attur qallu biex itella l-karozzi fil-pussess tal-konvenut u damu xi tlett (3) ijiem biex haduhom kollha. Dawn il-karozzi tqieghdu r-Rabat ghand l-attur u whud minnhom tqieghdu f'ghalqa ta' habib ta' Guntrip. Kien hemm xi tnejn (2) jew tlett (3) karozzi li tal-ADT gghelithom inehhu u l-ohrajn l-attur bieghhom waqt li

Guntrip kien involut fil-bejgh ta’ uhud minn dawn il-karozzi.

Guntrip xhed li kien prezenti meta l-konvenut mar ghand l-attur isaqsi ghal *log books* u anke meta l-konvenut offrielu sitt elef lira (LM6000) izda l-konvenut ma riedx jaghtih l-flus qabel l-attur jikkonsenjalu xi *log books* u l-karozzi rispettivi. **A fol. 694 Guntrip jaserixxi: “naf li Charles la ha karozzi u lanqas *log books*”**

Il-Qorti wara li ezaminat u analizzat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia, taghraf illi ghandha takkolji parti sostanzjali mir-rezultanzi minnha raggunti ghajr kif ser jigi spjegat .

**Ikkonsidrat:**

Din il-kawza tirrigwarda talba da parti tal-attur ghall-danni kagunati in segwitu ta’ ksur ta’ obbligi kuntrattwali rizultanti minn ftehim bejn il-partijiet tal-11 ta’ Gunju 1998, kif ukoll talba ghall-hlas ta’ penali skond l-istess ftehim. Il-konvenut intavola kontro-talba tieghu ukoll fuq l-istess kawzali.

Illi l-kawza hija msejsa fuq ftehim iffirmata mill-partijiet fil-11 ta’ Gunju 1998 (a. fol 7) li permezz tieghu l-partijiet ftehmu dan li gej:

1. Il-partijiet intrabtu li b’effett immedjat, l-konvenut jixtri esklussivament minghand l-attur il-vetturi *second hand* li l-istess attur jkollu ghal bejgh lil terzi, waqt li l-attur jobbliga ruhu li joffri l-vetturi ghal bejgh lil konvenut biss;

2. Li l-konvenut Bianco jibqghalu d-dritt li jixtri vetturi minghand persuni privati minghajr ma jikser dan l-ftehim waqt li l-attur Vassallo jibqghalu ukoll d-dritt li jbiegh lil persuni privati;

3. Li l-partijiet qabblu li f’kaz ta’ ksur tal-ftehim, dik il-parti li tkun kisret l-obbligi minnha assunti, tirrikorri penali fl-ammont ta’ elf lira (LM1000) ghall-ksur tal-

obbligazzjonijiet assunti u cioe fuq kull vettura li tinxtara jew tinbiegh kontra dan il-ftehim liema penali ghandhom jigu konsiderati bhala debitu likwidu, cert u dovut.

4. Dana l-ftehim kien validu ghal tlett (3) snin u jiggedded awtomatikament fin-nuqqas ta' oggezzjoni ta' xi parti, b'notifika lil parti l-ohra xahar qabel l-eghluq tat-terminu korrenti.

Mill-provi jirrizulta l-attur kien izomm *ledger* li fih inizzel il-vettura li kien jikkonsenja lil konvenut u l-prezz taghha. Il-ftehim kien li huwa jghaddi vettura *on consignment* lil konvenut, jiftehmu l-prezz taghha per ezempju elferjn lira (LM2000). L-konvenut joffriha ghal bejgh mix-*showroom* tieghu, ibiegha lit-terz per ezempju elfejn u hames mitt lira (LM2500) u jiehu hames mitt lira (LM500) profit waqt li l-attur jiehu l-prezz miftiehem u dan kien jigi kopert b'kambjali rilaxxjati mix-xerrej a favur tal-attur. L-attur allega li l-konvenut kien jitfa l-vetturi li jaghtih *on consignement* fuq wara tax-*showroom* tieghu u fuq quddiem kien jitfa vetturi li kien jixtri minghand haddiehor. L-konvenut jghid li l-attur kien ibiegh ukoll lil *dealers* ohra meta l-ftehim bejniethom kien ghadu vigenti u li baqa' qatt ma thallas minghand l-attur, ghall-bejgh ta' madwar mija u disghin karozza (190) l' ghaliex l-attur baqa' jittratjieni biex isiru l-konteggi. Ghalhekk il-ftehim sfaxxa.

Wara diversi laqghat bit-tama ta' transazzjoni, il-konvenut kien lest li jitransigi billi ihallas lill-attur cirka sitt elef u sitt mitt lira (LM6600) waqt illi jiehu lura il-*log books* ta'ammont ta' karozzi. L-attur waqt illi accetta l-offerta ta' sitt elef u sitt mitt lira (LM6600) rrifjuta li jrodd lura *log books* u ghalhekk t-transazzjoni ma sehhitx

L-konvenut sostna li qatt ma thallas mill-klijenti, ghaliex kull meta kien ibiegh karozza *on consignment*, kien itella ix-xerrej prospettiv ghand l-attur fejn kien isir il-kuntratt u jigu ffirmati l-kambjali. L-attur kien baqa' jittratjeni u ipperswada lill-konvenut li hlas isir fl-ahhar tas-sena meta jaghmlu l-konteggi. Il-konvenut sostna illi ix-xerreja tal-karozzi kienu jhallsu lill-attur permezz tal-kambjali u l-flus jigu depozitati direttament il-bank.

Dan il-ftehim dam sejjer xi sena u nofs u l-konvenut jghid li xtara minghand l-attur mitejn sebgha u sittin (267) vettura u taghhom hallsu (erbgha mija sebgha u sittin elf, tlett mija disgha u erbghin lira (LM467,349) (a fol. 100).

Wara illi sfaxxaw it-trattativi ghall-ftehim, l-attur baghat in-nies ghall-vetturi li kienu ghadhom fil-pusses tal-konvenut. L-attur sostna li gew ritornati il-vetturi kollha ghajr dawn it-tlett (3) vetturi li semmew fic-citazzjoni. L-attur sostna li l-vetturi ritornati kienu fi stat pessmu minghajr batterija, bil-licenzji mhux imhallsa u f'kondizzjoni aghar minn kif kkonsenjhom lill-konvenut. L-konvenut jichad dan, jasserixxi illi nefaq hafna flus billi irranga hafna mill-karozzi illi xtara *on consignmet* minghand l-attur u li jekk il-karozzi garbu xi hsara, dan sar mill-persuni illi qabbad l-attur biex jigbor l-istess, jew waqt il-hazna taghhom fl-ghalqa ta' Godwin Guntrip.

Il-vetturi li ha lura l-attur kienu is-segwenti (fol 8 et)

1. AAV286 Mazda;
2. CAA 612 Seat
3. CAL 148 Toyota Corolla
4. CBB 408 Isuzu Gemini
5. DAB 347 – Bedford Pascal
6. DAO 524 Citroen BX
7. EAE 758 Ford Escort
8. EBB 657 Ford Escort
9. IAD 438 Peugeot 305
10. IAE 434 Peogeot 205
11. IAF 345 Ford Escort Van
12. IAJ 052 Talbot Horizon
13. IAR 268 Isuzu Gemini
14. IAW 216 peogeot 205
15. JAM 405 Peogeot 205
16. JAU 803 Toyota Pick up
17. JAV 236 Lada Niva
18. KAB 287 Peogeot 405
19. BAU 723 Seat Ibiza
20. IAJ 148 Skoda 120L
21. IAD 505 Citroen AX

22. KAR 884 Lancia
23. LAM 657 Audi
24. LAW 415 Isuzu Gemini
25. JAX 482 Peogeot 405 a/c
26. IAV 627 Isuzu Gemini
27. JAC 204 Austin Mini
28. BBH 049 Fiat 127
29. IAM 462 Peogeot 205
30. AAV 415 Ford Fiesta Van
31. HAN 701 Ford Fiesta Van
32. IAM 264 Austin Mini
33. FAD 127 Land Rover
34. LAC971 Mercedes 123
35. JAD 083 Peogeot 305
36. KAL 019 Austin Maestro
37. LAD 103 Citroen BX
38. CAL 243 Fiat Uno
39. EAO 608 Susuki Alto
40. IAD 852 Austin Metro
41. DAO 953 Marina
42. FAS 524 Skoda Favorit
43. JAP 994 Maruti Omni
44. LAA 132 Ford Fiesta
45. BBA 724 Fiat 127
46. DAR 993 Ford Fiesta

It-tlett (3)vetturi segwenti, huma dawk li l-attur jghid li ma gewx ritornati lilu:

BBB 823 Skoda 120
IAA 849 Ford Escort Van P
JAG 334 Dacia

L-konvenut jikkontendi li kien l-attur l-persuna responsabbli ghal vjolazzjoni tal-patti mnizzla fil-ftehim u dana minhabba li beda jinnegozja ma *dealers* ohra, u a skans ta’ ripetizzjoni indika bosta ragunijiet ohra spjegati fid-dettal (vide fol 102 tal-process), li huma gia imsemmija f’din is-sentenza (a fol. 19 u 20).

**Ikkonsidrat :**

L-attur jikkontendi li l-konvenut ghandu jhallas diversi somom ta' flus, in konnessjoni man-negozju ta' bejniethom. Meta mistoqsi (fis-seduta 28/1090) kemm qed jippretendi flus huwa wiegeb li jhalli f'idejn il-Qorti. Huwa nnega li l-partijiet kienu lahhqu ftehim fis-sens li l-konvenut kellu jhallas hamest elef lira (LM5000). L-attur sostna illi d-danni minnu sofferti kienu jikkonsistu minn bejgh ta' karozzi lill-xerreja li ma onorawx il-pagamenti fosthom Glenn Debattista, li minnu kien qed jippretendi li ghandu jaghti xi disghat elef lira (LM9000).

Ix-xhieda ta' Glen Debattista bl-ebda mod ma ikkonferma t-tezi tal-attur, 'l ghaliex ghalkemm Debattista ikkonferma li kellu jaghti xi flus lill-attur, stqarr li l-attur ghamel ftehim mieghu bil-miktub quddiem l-avukat Dr Chris Cilia. Ebda somma dovuta ma giet ipprovata u ebda kuntratt, kambjala, *cheques, statments* ma gew ezebiti in sotenn ta' dana kollu.

l-attur ukoll xehed fl-affidavit tieghu a fol 118 et illi kien soffra danni minhabba nuqqas ta' hlas ta' pagamenti da parti ta' Raymond Borg, Kevin Grima, Carmen Spiteri, Anthony Tabone, John Borg u Daniel Schembri izda l-attur naqas li jipproduci prova ta' dan.

Illi ghar-rigward tal-licenzji skaduti u tal-multi minn citazzjoni fuq il-vetturi konsenjati, l-attur naqas bl-akbar mod sgjaccanti illi jipprova it-tezi tieghu. Il-Qorti tibda biex tippreciza illi ftehim bejn il-partijiet kien wiehed fejn in segwitu tal-bejgh tal-karozza *on consignment* il-konvenut kien ser jiehu biss id-differenza mill-prezz maghmul minnu ghall-prezz illi biha il-karozza kienet mixtija minghand l-attur. Il-ftehim tal-11 ta' Gunju 1998, bl-ebda mod ma jitfa' xi responsabilita' ta' licenzji jew citazzjonijiet fuq il-konvenut. Illi di piu, x-xhieda ta' Brian Farrugia ghall-Awtorita dwar it-Trasport (ADT) hija cara u skjetta u turi illi ma kien ebda multi fuq il-lista tal-vetturi lilu moghtija. Illi di piu l-attur ma ressaqx lill Ufficcjali mill-Kunsilli Lokali ghall-prova ta' xi citazzjonijiet jew multi fuq il-lista tal-vetturi imsemmija.

Il-Qorti nnotat illi skond l-ittra ufficjali tal-4 ta' Frar 1999 ezebita a fol 319, l-attur ippretenda li kellu jiehu sbatax-il elf tmien mija sebgha u sittin lira (LM17,867) minghand l-konvenut fuq dan in-negozju u hmistax–il elf lira (LM15,000) ta' hsarat u deprezzament fil-valur tal-vetturi ritornati.

Ghal darb ohra l-attur naqas bl-aktar mod lampanti illi jipprova il-pretensjonijiet tieghu. Kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna min jallega jrid jipprova (vide kawz**a 2351/96 GV Joseph Bartolo et vs George Zammit deciza 30/4/2001**). Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi "iuxta allegata et probata" u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tinhareg unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet, jigifieri minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerit mill-partijiet. (Appell Inf 12/4/2007 kawza nru 503/2002 per Imh. Sciberras).

L-attur jippretendi li l-Qorti taqra u tanalizza l-*ledger* li pprezenta permezz ta'nota fil-31 ta' Lulju 2009 u tiddicifra l-ammont li allegatament kienu dovuti lilu mill-konvenut. Dan il-*ledger* juri li sal-24 ta' Settembru 1998, l-bilanc li apparentament kien fadal kien ta' mija sitta u ghoxrin elf, mija sebgha u sittin lira (LM126,167) pero ta' x'hiex kien dan il-bilanc, l-attur naqas milli jibda jispjega lill-Qorti. Ebda Qorti ma tista' isserrah fuq assunzjonijiet u ammonti kwasi indecifribbli. In oltre ebda xrara ta' prova ma ngabet rigward l-bilanc dovut , kemm minn dan l-ammont kien gie mhallas mix-xerrej tal-karozzi u ghal liema karozzi. Di piu' l-attur naqas illi jipproduci l-kuntratti tax-xerreja ta' dawn il-karozzi u l-kambjali rispettivi. In oltre meta l-konvenut ghamel tentattiv sabiex jikseb din il-prova mill-banek tal-attur, ir-raprezentanti tal-istess banek, informaw lill-Qorti illi sikkome l-kuntratti kienu antecedenti ghas-sena 2003, il-banek ma kienux zammew id-dokumentazzjoni mehtiega.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-attur ma ppruvax l-ewwel tlett talbiet tieghu u ghalhekk qed jigu michuda.

Il-Qorti tghaddi biex tikkonsidra ir-raba', il-hames u sitt talba talba attrici.

L-artikolu 992 tal-Kodici Civili jiddisponi:

***992. (1) Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***

***(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil -ligi***

L-artikolu 993 jistablixxi li:

***Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwità, bl-uzu jew bil-ligi.***

Fis-sentenza **Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et** Prim Awla , deciza fit- **30ta' Mejju 2002**, il-Qorti irriteniet:

***"Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa …………. li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda".***

Fis-sentenza **Onor. Edgar Cuschieri nomine vs. Perit Gustavo R. Vincenti**, il-Qorti irriteniet:

***"Hu forsi opportun li jingħad bi preliminari illi ġialadarba kuntratt għandu forza ta' liġi bejn il-partijiet li jagħmluh [Artikolu 992 (1) Kodiċi Ċivili], l-interpretazzjoni tiegħu tinneċessita li wieħed jestraja minnu, skond ir-regoli magħrufa, l-volonta komuni reali konsegwita mill-kontraenti."***

**Eric Schembri et nomine vs Lewis Baldacchino** Qorti tal-Appell (Superjuri) deciza fil-**11ta Novembr 1997**, il-Qorti irriteniet illi:

***"il-Qofol u pediment ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza soċjali bbażata fuq l-obligazzjoni sa' mill-bidu, ċioe' ir-rationalis prinċipium, huwa l-pacta sunt servanda."***

Hekk ukoll Fis-sentenza **Frank Salt Real Estate Ltd vs Edward Anthony Ellul Sullivan f'ismu propju u in rapprezentanza tas-socjeta Sullivans Ltd**, il- Qorti irriteniet

***"Proprju bl-ewwel artikolu msemmi (992) il-Kodici Civili jesprimi l-principju illi l-kuntratt, maghmul skond il-ligi, ghandu sahha ta' ligi ghall-kontraenti partecipanti fih [subinciz (1) tieghu]. Strettament, u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-ligi tenfasizza l-kuncett illi dak il-kuntratt ma jistax jigi rizolut, in linea ta' principju, bis-semplici volonta` unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u, in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin fil-ligi (subinciz 2)."***

Isegwi ghalhekk, illi l-partijiet kienu marbutin bil-ftehim tal-11 ta' Gunju 1998 u ma setghux jiddipartixxu minnu. Wahda mill-kondizzjonijiet ta' dan il-ftehim kien li l-attur jissuplixxi lill-konvenut biss vetturi biex dan ibieghhomlu u dan ad esklusjoni ta' *auto dealers* ohra u li l-konvenut kellu jaghmel dan in-negozju minghand l-attur biss ghad esklussjoni ta' xiri ta' vetturi minn auto *dealers* ohra .

Bhala prova ta' dan, l-attur pproduca lil Charles Pace li huwa *dealer* tal-karozzi *second hand,* li xehed li kien biegh xi karozzi lil-konvenut lejn l-ahhar tas-sena 1999. Izda l-istess Pace fix-xhieda tieghu a fol 244 et seq , ikkonferma li n-negozju mal-konvenut bdieh f'Marzu 2000 u prezenta l-lista ta' vetturi li biegh lil konvenut f'Marzu 2000.

L-konvenut jghid a fol 100 et seq. li huwa ra b'ghajnjeh, vettura li kienet inxtrat minghand l-attur ghand *dealer* iehor jismu Marco Attard u dan sar jaf minn Attard stess u ra l-vettura fix-*showroom* ta' Attard li ghandu ftit il-boghod mix-*showroom* tal-konvenut. Jghid ukoll li problema ohra kienet meta partat karozza Ford Fiesta ma' Engelbert Demicoli u telghu biha ghand l-attur biex isiru l-kambjali. L-attur zamm l-vettura bl-iskuza li kellu iqabblilha c-*chassis number* u l-*engine number*. Gara li l-attur ghadda din l-vettura lil Godwin Guntrip u din inbieghet lil Carmel Frendo. Jghid li l-attur beda jitolbu prezzijiet esagerati biex il-konvenut ma jixtrihomx u b'hekk l-attur ikun jista' jghaddihom lill-*dealers* ohra.

Illi imbaghad mix-xhieda ta' Younis Petrus, impjegat tal-konvenut, tirrizulta il-malafede tal-attur li offrielu kemm-il darba biex jinganna lill-imghallem tieghu (il-konvenut) dwar xiri ta' karozzi minghand l-attur .

Nenu Cuschieri li jahdem ghall-attur, kkonferma li l-attur ghamel negozju ta' karozzi ma'*auto dealers* ohra u cioe' Marco Attard , Godwin Guntrip u ma certu Nikol izda l-arrangament kien differenti. Jikkonferma li t-trasazzjoni bejn il-partijiet ma sehhietx ghax l-attur rrifjuta li jikkonsenja l-*log books* lill-konvenut.

Di piu mix-xhieda ta' Godwin Guntrip *auto dealer*, hemm konferma illi huwa kien jixtri il-karozzi minghand l-attur u jbieghhom, bi ftehim pjottost anologu bhal dak tal-konvenut. Guntrip ddikjara illi l-attur kien debitur tieghu fl-ammont ta' ghoxrin elf lira (LM 20,000). Guntrip ikkonferma ukoll illi t-transazzjoni bejn il-partijiet ma sehhx anki wara li konvenut offra l-hlas ta' madwar sitt elef lira (LM6000) u dan 'l ghaliex l-attur irrifjuta li jghaddi lill-konvenut il-*log books* relattivi.

Ghaldaqstant isegwi li l-attur ma pproduca ebda prova (ghajr ix-xhieda tieghu) biex jissostanza b'xi mod, li l-konvenut, fil-mori tal-ftehim, kien qed jinnegozja ma' *auto dealers* ohra ghajr lil Charles Pace li kkonferma li beda jinnegozja mal-konvenut f'Marzu 2000. Anke kieku dan sar lejn l-ahhar tas-sena 1999 (kif affermat minn Pace fl-

ewwel xhieda tieghu) jirrizulta illi dan sehh wara li giet intavolata din il-kawza (l-kawza giet prezentata f'Awissu 1999).

Ghall kuntrarju l-allegazzjonijiet tal-konvenut huma sostanzjati u korroborati, mix-xhieda tal-impjegat tieghu Younis Petrus, u ta' Nenu Cuschieri u minn Godwin Guntrip illi kollha asserixxu illi kien minnu li l-attur kien jinnegozja karozzi tieghu ma' *auto dealers* u dan fil-mori tal-ftehim mal-konvenut.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-attur naqas li jipprova li l-ftehim tal-11 ta' Gunju 1998 gie vjolat minhabba nuqqasijiet da parti tal-konvenut.

Ghar-rigward tat-talbiet tal-attur ghall-penali, din il-Qorti taghmel accenn ghall-Artikolu 1118 tal-Kodici Civili li tipprovdi :

***"Il-klawsola penali hija dik li biha wiehed, sabiex jizgura l-esekuzzjoni ta' ftehim, jobbliga ruhu ghal xi haga fil-kaz li jonqos li jesegwiha."***

Kif dejjem gie ritenut mill-Qrati tagha l-klawsola bil-penali hija ntiza sabiex tkun forma ta' garanzija li l-obbligu assunt jigi esegwit.

Gia la darba il-attur naqas illi jipprova sodisfacentement skond il-ligi illi l-konvneut kien jahti ghall-ksur tal-pattijiet tal-ftehim tal-11 ta' Gunju 1998, billi innegozja xi vettura lill-*auto dealer* partikolari, din il-Qorti ma tistax tibda biex tikkonsidra il-kwantum tal-penali mitlub mill-attur.

Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li raba' il-hames u sitt talba tal-attur ghandhom jigu michuda.

Il-Qorti tghaddi biex tikkonsidra is-seba' it-tminn u disa' talba .

Fic-citazzjoni tieghu l-attur jirriklama illi l-konvenut ghandu jaghtih diversi sommom ta' flus in konnessjoni ma' dan in-negozju li kellhom flimkien u fl-affidavit tieghu jiddikjara illi

dan jikkonsisti fit-telf tal-valur ta’ diversi vetturi indikati, li huwa ha lura minghand l-konvenut, u cioe’ id-differenza bejn il-valur moghti ghal dawn il-vetturi mis-*surveyor* Agius fir-rapport tieghu tal-25 ta’ Marzu 2009 u il-prezz maqbul bejn il-partijiet fil-*ledger* jew registru li kien izomm. L-attur isostni li fil-*ledger* kien izomm *record* tal-vetturi li kien jikkonsenja lill-attur u tal-prezz relattiv. L-attur kien qed jippretendi ir-retorn tat-tlett karozzi Skoda 120 BBB 823, Ford Escort Vann IAA 849 u Dacia JAG 334.

Huwa l-istess attur illi jirritieni fic-citazzjoni tieghu li dawn il-vetturi kienu jghaddu ghand il-konvenut ***“on consignment”.***

***“Huwa pacifiku illi kuntratt simili a’ spedizzjoni ta’ merci “on consignment” huwa mhux bejgh imma pjuttost kuntratt ta’ kummissjoni. F’kaz ta’ kuntratt simili l-kreditur ghandu dritt jitlob mhux il-prezz tal-merkanzija kollha konsenjata imma l-prezz tal-merkanzija li tkun inbieghet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbieghetx.”***

(vide sentenza **tas-26 ta’ April 1951 per Imh W Harding fl-ismijiet Avukat Dr George Cassello ne vs Victor Caruana noe**).

Tant huwa hekk, illi malli sfaxxa l-ftehim bejnu u l-konvenut, l-attur kien pront iqqabbad lin-nies tieghu biex imorru jiehdu l-karozzi lura li kienu *on consignment* minghand l-konvenut. Ghandu jinghad illi huwa fatt inkontestat li l-valur ta’ *second hand cars*, jitnaqqas mal-medda taz-zmien. L-attur ma ressaq ebda prova li turi li t-tnaqqis ta’ valur ta’ dawn il-vetturi gara bi traskuragni tal-konvenut. Anzi kien l-konvenut li pprova (anke permezz tax-xhieda prodotti mill-istess attur) li meta rega irriposjedi il-vetturi tal-konvenut, dawn tpoggew fir-razzett ta’ Godwin Guntrip u fl-ghalqa biswitu. Dan gie amess minn Guntrip stess. Ghalkemm l-attur jghid li Bianco kien halla l-parti l-kbira ta’ dawn il-vetturi mitluqin go ghalqa biex jitmermru u jitfarku, dan gie michud min-nies li baghat huwa stess ghal vetturi fosthom minn Nenu Cuschieri u l-istess Guntrip. Jirrizulta wkoll li dawn l-vetturi inbieghu mill-attur,

u din il-Qorti ma giet murija ebda kuntratt ta' bejgh ta' dawn il-vetturi li jikkonforta it-tezi tal-attur li sofra t-tnaqqis ta' valur kif mitlub minnu fic-citazzjoni.

Ghaldaqstant din il-Qorti is-seba, tmien u disgha talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda.

Ghar-rigward tal-ghaxar talba attrici u cioe ghar-radd lura tal-vetturi Skoda 120 bin-numru ta' registrazzjoni BBB 823, Ford Escort Vann bin-numru ta' registrazzjoni IAA 849, u Dacia bin-numru ta' registrazzjoni JAG 334, jirrizulta mill-provi prodotti b'mod specjali mid-dokument esebiti minn Brian Farrugia in rapprezentanza tal-ADT ( a fol. 554), jirrizulta minn Dok BF 49 , Dok BF 47, u Dok BF 48, illi dawn it-tlett vetturi huma registrati f'isem l-attur.

Illi l-konvenut ma gab ebda prova li dawn l-vetturi ikkonsenjahom lura lill-attur u d-dokumenti tal-Awtorita' Dwar it-Trasport (ADT) lanqas juru dan. Illi minhabba t-trapass taz-zmien, huwa gust u xieraq li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur l-valur tat-tlett vetturi meta dawn gew konsenjati lilu . Mil-ledger li prezenta l-attur jirrizulta li fit-3 ta' Ottubru 1997 din il-vettura Ford Escort van IAA 849 kienet tiswa hames mitt lira (LM500); d-Dacia JAG 334 fl-4 ta' Novembru 1997 kienet tiswa tlett mija u hamsin lira (LM350); u u li Skoda BBB 823 minn l-istess data u cioe 4 ta' Novembru 1997 kienet tiswa tlett mija u hamsin lira (LM350).

**Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-konvenut ghandu jghaddi lill-attur s-somma ta' elf u mitejn lira (LM 1200) u cioe elfejn, sitt mija u sitta u sebghin Ewro (€2676) bl-imghax legali kontra l-konvenut.**

Ghar-rigward tal-ewwel talba indikata fil-Kontro-talba tal-konvenut, ghandu jinghad li ghar-ragunijiet gia moghtija aktar 'l fuq, din it-talba tal-konvenut illi ghandha tigi akkolta.

Ghar-rigward tat-talbiet numerati b, c u d, li jirrigwardaw hlas ta' penali kawza ta' ksur tal-ftehim, l-konvenut xhed u gab prova ta' dan in-negozju li l-attur kien jaghmel ma'

*auto dealers* ohra bi ksur ta' dan il-ftehim, fosthom permezz tax-xhieda ta' Nenu Cuschieri, haddiem mal-attur, li xehed li waqt li kien ghaddej in-negozju mal-konvenut, l-attur kien qed jinnegozja ma' auto *dealers* ohrajn. Il-ksur tal-ftehim tal-11 ta' Gunju 1998 gie separatament ikkonfermat minn Guntrip, li ikkonferma li l-attur kien jinnegozja m'*auto dealers* ohra fid-durata tal-ftehim bejn il-partijiet. Illi ghalhekk jirrizultaw illi l-attur kien mizerjament responsabbli t'almenu zewg vetturi nnegozjati in vjolazzjoni tal-ftehim tal-11 ta' Gunju 1998.

B'dana kollu il-Qorti hija rinfaccata bil-fatt illi l-konvenut ma ressaqx provi dwar l-ammont tal-vetturi, li gew mibjugha mill-attur in vjolazzjoni tal-ftehim, l-partikolaritajiet ta' dawn il-vetturi, u l-ismijiet tal-*auto dealers* rispettivi u l-ismijiet tax-xerreja tal-karozzi.

Madanakollu huwa car daqs il-kristall illi l-ftehim tal-11 ta' Gunju 1998 jinfliggi penali ta' elf lira (LM1000) ghal kull vettura nnegozjata ma'*auto dealers* ohra.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi invista ta' dawn ic-cirkostanzi jkun ekwu li tikundanna fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, li l-attur ihallas lill-konvenut elfejn lira (LM 2000) ekwivalenti ghal erbat elf u sitt mitt Ewro (€4600).

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' it-talba a, b , c u d tal-konvenut rikonvenzjonat.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina it-talbiet e u f u g fil-kontro talba tal-konvnuet u cioe dwar responsabilta' , likwidazzjoni u hlas ta' danni.

L-konvenut jitlob dikjarazzjoni li l-attur kien slejali fil-konfront tieghu u ghalhekk huwa responsabbli ghad-danni.

Il-Qorti diga' ippronunzjat ruhha ghar-rigward tar-responsabilita' tal-ftehim tal-11 ta' Gunju 1998, liema responsabilita' taqa' b'mod inekvivoku fuq l-attur.

Ghar-rigward ta' danni l-konvenut a fol 285 et jsostni li huwa irceva mitejn u sebgha u sittin (267) vettura li minnhom mitejn u sittin (260) nnegozjohom u ohrajn gew ritornati lura. Biegh mija u disghin (190) minnhom u jghid li l-attur ghandu jtih disghin elf lira (LM90,000) ta' mitejn u sittin (260) vettura minus dawk li rritorna lura. Jsostni li gie kostrett jaghmel pagament f'ammont ta' ebghatax–il elf lira (LM14,000) tal-VAT fuq l-vetturi ghax kien iddikjara qliegh fuqhom . Jghid li kien qabel li ghandu jhallas is-somma ta' sitt elef u sitt mitt lira (LM6600) lil attur bil-kondizzjoni li huwa jirritorna t-tlett vetturi, lil-attur jghaddilu l-*log books* rikjesti mill-konvenut , li jghaddi Jeep KI 419 u li Renaldo Arciola jiffirma l-*log book* u *transfer*.

Eppure l-konvenut naqas li jissostanza il-pretensjonijiet tieghu, u ma pproduca ebda dokument li juri x'ghandu jiehu minghand l-konvenut u ghal x'hiex. Naqas illi jipproduci l-*istatments* banakarji, jew almenu ricevuti, sabiex juri precizament l-ammonti mhallsa minnu lill-attur fi zmien li fih il-ftehim kien ghadu vigenti. Illi di piu' ir-ircevuta tal-VAT hija *banker's draft* mahruga mill-Bank of Valletta ghan-nom ta' kumpanija bl-isem Western Company Limited fl-ammont ta' erbghatax –il elf (LM14,000) (fol 107 Dok CB1) izda l-ebda prova ma tressqet mill-konvenut li tipperswadi lill-Qorti illi dan il-kont tal-VAT gie mhallas fuq qliegh tal-vetturi mibjugha *on consignment* mill-konvenut. Illi din il-Qorti taghraf ukoll illi kif ametta il-konvenut fl-istess xhieda tieghu, l-istess konvenut kien jinnegozja s*econd hand cars* mixtrija minn terzi persuni li ma kienux auto dealers. Di piu' kien ukoll jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni.

Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' prova mill-ufficjal tal-VAT u fin-nuqqas ta'dokumentazzjoni necessarja, din il-Qorti ma tisghax iserrah sempliciment fuq ir-receipt Dok. CB1.

Illi ghaldaqstant, ghar-rigward tat-talbiet e, f u g tal-konvenut rikonvenzjonat il-Qorti tilqa' it-talbiet limitatament ghal dikjarazzjoni ta' slealta u tichad fil-kumplament.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi,tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn kompatibbli, tichad it-

talbiet attrici ghajr ghall-ghaxar talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elfejn, sitt mija u sitta u sebghin Ewro (€2676).

Ghar-rigward tal-kontro-talba, tilqa l-ewwel erba  talbiet tal-konvenut rikonvenzjonat u tikkundanna lilll-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenut is-somma ta’ erbat elef u sitt mitt Ewro ( €4600), tilqa l-hames  talba tal-konvenut rikonvenzjonat  limitatament ghal dikjarazzjoni li l-attur kien sleali lejn l-konvenut u tichad ghall-kumplament tal-hames talba, u tichad is-sitt u s-seba talba tal-konvenut rikonvenzjonat, u tichad l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat fejn kompatibbli.

Ghar-rigward tal-kap tal-ispejjez, il-Qorti tqis fic-cirkostanzi ikun xieraq u ghaqli li l-attur ihallas tlett kwarti tal-ispejjez waqt li l-konvenut ghandu jhallas kwart tal-ispejjez.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------